# IL-ĦMAR TAS-SIENJA

Is-sur Fred, avukat żagħżugħ, daħru mal-ħajt tas-sienja ta' *Peppi tan-nar*, kien waqaf iħares lejn il-ħmar imgħammad idur dejjem qajla, iżda bla ħedu ta' xejn. Ebda ħoss, ħlief tal-ftit ilma li jinqaleb fil-qâna mill-keffa tal-barmil tas-sienja u ċċempila tal-ġolġol li kellu mdendel f'għonqu l-ħmar. Din tal-ġolġol lil l-avukat għoġbitu wisq, hekk li dar fuq Peppi u qallu: "Dal-ġolġol f'għonq il-ħmar mhux żejjed, Pepp?" — "Il-lê mhux żejjed, wieġeb Peppi, għax jekk jien inkun midhi b'xi ħaġ'oħra, iċ-ċenċila tal-ġolġol tgħidli jekk il-ħmar baqâx miexi jew waqaf"—" Kemm int raġel tajjeb, qabeż is-sur Fred, nagħmlu li l-ħmar jieqaf biex jistrieħ u fl-istess ħin jissokta jċaqlaq rasu, il-ġolġol ma jibqâx idoqq bħalli kieku l-ħmar baqa' miexi?" — "Dan ma jkun qatt," qal Peppi. "Il-għala?" — "Għax fis-sienja jiena ħmar għandi marbut mhux avukat."—"Saħħa Pepp."—"Saħħa Sinjur, il-lejl it-tajjeb, agħmel rasek fejn issibha."

**D. G. S.**